

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2011 — Volvo Trademark vs UASI — Hebei Aulion Heavy Industries (LOVOL)

(Kawża T-524/11)

(2011/C 355/45)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Volvo Trademark Holding AB (Göteborg, L-Isveżja)
(rappreżentant: M. Treis, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Hebei Aulion Heavy Industries Co., Ltd (Xuanhua, Iċ-Ċina)

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tad-19 ta' Lulju 2011 fil-Każ R 1870/2010-1;
- tiċħad l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5029731; u
- tordna lill-parti l-oħra fil-proċedimenti tbat i-ispejjeż tar-rikorrenti inkonnessjoni ma' din il-kawża, l-appell quddiem il-Bord tal-Appell u l-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark "LOVOL", għal prodotti fil-klassijiet 7 u 12 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5029731

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 2361087, tas-sinjali verbali "VOLVO", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 1-9, 11-12, 14, 16-18, 20-22, 24-28 u 33-42; applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 4804522, tas-sinjali figurattivi "VOLVO", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 1-4, 6, 7, 9, 11-12, 14, 16, 18, 25, 28, 35-39 u 41; reġistrazzjoni ta' trade mark tar-Renju Unit Nru 747361, tas-sinjali figurattivi "VOLVO", għal prodotti fil-klassi 12; reġistrazzjoni ta' trade mark tar-Renju Unit Nru 747362, tas-sinjali verbali "VOLVO", għal prodotti fil-klassi 12; reġistrazzjoni ta' trade mark tar-Renju Unit Nru 1051579, tas-sinjali verbali "VOLVO", għal prodotti fil-klassi 7; reġistrazzjoni ta' trade mark tar-Renju Unit Nru 1408143, tas-sinjali figurattivi "VOLVO", għal prodotti fil-klassi 7

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha meta pparaguna s-sinjali, u b'hekk ikkonkluda bi żball li ma kienx hemm xebh bejn is-sinjali. Ksur ta' dispożizzjoni legali marbuta mal-applikazzjoni tar-Regolament, u b'mod partikolari, il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi C-361/04 P, Ruiz-Picasso et vs UASI, tat-12 ta' Jannar 2006, Ġabra p. I-643 u C-252/07, Intel Corporation, Ġabra p. I-8823, billi applikahom b'mod strettament formalistiku, u konsegwentement, billi ma eżaminax il-merti tal-oppożizzjoni taħt l-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2011 — Volvo Trademark vs UASI — Hebei Aulion Heavy Industries (LOVOL)

(Kawża T-525/11)

(2011/C 355/46)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Volvo Trademark Holding AB (Göteborg, L-Isveżja)
(rappreżentant: M. Treis, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: Hebei Aulion Heavy Industries Co., Ltd (Xuanhua, iċ-Ċina)

Talbiet tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-23 ta' Ġunju 2011 fil-Każ R 1868/2010-1;
- tiċħad l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5029814; u
- tordna li l-parti l-oħra fil-proċedimenti tħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti fir-rigward tal-proċedura preżenti, tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell u tal-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva "LOVOL", għal prodotti fil-klassijiet 7 u 12 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5029814

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: reġistrazzjoni bħala trade mark Komunitarja Nru 2361087, tat-trade mark verbali "VOLVO", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 1-9, 11-12, 14, 16-18, 20-22, 24-28 u 33-42; applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 4804522, tat-trade mark figurattiva "VOLVO", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 1-4, 6, 7, 9, 11-12, 14, 16, 18, 25, 28, 35-39 u 41; reġistrazzjoni bħala trade mark tar-Renju Unit Nru 747361, tat-trade mark figurattiva "VOLVO", għal prodotti fil-klassi 12; reġistrazzjoni bħala trade mark tar-Renju Unit Nru 747362, tat-trade mark verbali "VOLVO", għal prodotti fil-klassi 12; reġistrazzjoni bħala trade mark tar-Renju Unit Nru 1051579, tat-trade mark verbali "VOLVO", għal prodotti fil-klassi 7; reġistrazzjoni bħala trade mark tar-Renju Unit Nru 1408143, tat-trade mark figurattiva "VOLVO", għal prodotti fil-klassi 7

Deċizzjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċizzjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell naqas milli jikkunsidra l-fatturi kollha rilevanti meta qabbel it-trade marks, u għalhekk ikkonstata li ma kien hemm ebda similaritajiet bejn it-trade marks. Ksur tal-istat ta'dritt relatat mal-applikazzjoni tar-Regolament, u b'mod partikolari, tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-361/04 P, Ruiz-Picasso *et vs* UASI tat-12 ta' Jannar 2006, Ġabra p. I-643 u fil-Kawża C-252/07, Intel Corporation, Ġabra p. I-8823, billi l-Bord tal-Appell applikahom b'manjiera wisq riġida u formalistika, u konsegwentement, naqas milli jeżamina l-merti tal-oppożizzjoni skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2011 — Schenker vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-534/11)

(2011/C 355/47)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Schenker AG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. von Hammerstein, B. Beckmann u C. Munding, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċizzjoni adottata mill-konvenuta, tat-3 ta' Awissu 2011 (SG.B/MKu/psi-Ares [2011])

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti essenzjalment tinvoka erba' motivi.

- (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq nuqqas ta' eżami konkret u individwali tad-dokumenti previsti fit-talba

L-ewwel nett, il-Kummissjoni naqset milli tagħmel eżami konkret u individwali tad-dokumenti elenkati fit-talba għal aċċess. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq preżunzjoni ġenerali ta' inklużjoni fir-raġunijiet għal rifjut. Meta għamlet dan, hija naqset milli tirrikonoxxi l-prinċipji żviluppatti fil-ġurisprudenza dwar l-aċċess għal dokumenti u l-importanza tad-dritt fundamentali ta' aċċess għad-dokumenti skont l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet previsti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ⁽¹⁾

It-tieni nett, żbalji evidenti ħarbu lill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet previsti fir-Regolament Nru 1049/2001. Minħabba f'applikazzjoni wisq estensiva tal-eċċezzjonijiet, il-Kummissjoni naqset milli tirrikonoxxi l-prinċipji żviluppatti mill-ġurisprudenza dwar l-aċċess għal dokumenti u l-importanza tad-dritt fundamentali ta' aċċess għad-dokumenti skont l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fid-dawl tad-drittijiet fundamentali kif ukoll tal-prinċipju ta' trasparenza u l-prinċipju ta' stat tad-dritt, sa fejn possibbli r-rikorrenti għandha tingħata aċċess għad-dokumenti.

- (3) It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

It-tielet nett, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità, billi naqset milli tikkunsidra b'mod suffiċjenti l-eċċezzjonijiet — u dan b'mod żbaljat — u billi ma għamlitx bilanċ xieraq ta' dan mal-interess pubbliku għall-iżvelar tad-dokumenti mitluba. Għalhekk, il-Kummissjoni naqset milli tirrikonoxxi l-fatt li l-interess pubbliku għall-iżvelar ta' dokumenti huwa evidentement iktar qawwi minn kwalunkwe interess ta' kunfidenzjalità.

- (4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni

Ir-raba' nett, il-Kummissjoni injorat il-fatt li r-rikorrenti f'kull każ, taħt l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kien intitolat għal mill-inqas aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba. Meta ħadhet b'mod totali u komplut l-aċċess mitlub, il-Kummissjoni pprekludiet l-effett utli tad-dritt ta' aċċess għal dokumenti, protett bħala dritt fundamentali, kif ukoll tar-Regolament Nru 1049/2011.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).